**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IS-SUMMITS LI LTAQGĦU L-ĦAMIS, 21 U L-ĠIMGĦA, 22 TA' MEJJU, U L-ERBGĦA, 10 U L-ĦAMIS, 11 TA' ĠUNJU 2015**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar ix-xogħol li sar waqt is-Summit bejn il-mexxejja Ewropej u l-pajjiżi tas-sħubija tal-Lvant, l-hekk imsejjaħ Eastern Partnerhsip, li tlaqqa' bejn il-Ħamis, 21 u l-Ġimgħa 22 ta' Mejju kif ukoll dwar is-Summit bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Amerika Latina, imsejħa CELAC, li ltaqa' nhar l-Erbgħa, 10 u l-Ħamis, 11 ta' Ġunju.

Qed inpoġġi l-konklużjonijiet ta' dawn iż-żewġ summits fuq il-Mejda tal-Kamra.

Nibda fl-ordni ta' kif seħħew.

## EASTERN PARTNERSHIP SUMMIT

Is-Summit tal-Eastern Partnership ittella' fuq jumejn f'Riga, il-Latvja, u serva bħala opportunità biex naraw x'progress ġie rreġistrat mill-aħħar laqgħa simili li saret sentejn ilu f'Vilnius, il-Litwanja, u biex niddiskutu kif se nsaħħu l-pass li bih din is-Sħubija timxi aktar 'il quddiem.

L-għan ta' din is-Sħubija, kif iddikjarat fi Praga lura fl-2009, huwa li noħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji ta' koperazzjoni u djalogu biex intejbu r-rabtiet politiċi u ekonomiċi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra barra mill-Unjoni Ewropea. Illum, fl-2015, din is-sħubija ġiet trasformata f'politika ta' suċċess fejn is-sitt pajjiżi tal-Lvant – l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Ġorġja, il-Moldova u l-Ukrajna – kollha fformulaw strateġiji li permezz tagħhom jagħżlu b'mod liberu x'tip ta' relazzjonijiet ikollhom mal-Unjoni Ewropea.

Dawn ir-relazzjonijiet jaffettwaw ir-riforma kostanti li qed isseħħ fl-hekk imsejjaħ *European Neighbourhood Policy*. Il-Mexxejja kollha li ħadu sehem f'dan is-Summit qablu li għandhom jikkommettu ruħhom biex isaħħu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali b'rispett lejn il-liġijiet internazzjonali. Tqajjem il-punt li l-aġġornament tal-*European Neighbourhood Policy* għandu jagħti attenzjoni akbar lill-interessi tal-Unjoni Ewropea u tas-sitt pajjiżi sħab mil-Lvant, filwaqt li din il-politika għandha tkun parti integrali mill-politika wiesgħa Ewropea għall-affarijiet barranin.

Sur President, Malta tibqa' favur li l-*European Neighbourhood Policy* tinżamm bħala politika komuni; fl-istess waqt iżda li nżommu f'moħħna l-bżonn li nindirizzaw il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet differenti ta' kull pajjiż individwali. Aħna nemmnu li l-prinċipju tal-flessibilità huwa kruċjali fil-mixja ta' dawn il-pajjiżi biex jibnu relazzjonijiet dejjem aktar b'saħħithom mal-Unjoni Ewropea.

Huwa ta' sodisfazzjon li l-Ġorġja, il-Moldova u l-Ukrajna għażlu li jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom billi kkonkludew ftehim ta' assoċjazzjoni mal-Unjoni Ewropea. Dan l-iżvilupp se jwassal biex it-tliet pajjiżi jkollhom aċċess għas-suq Ewropew li huwa kkaraterizzat mill-*free trade* u l-prinċipju tal-kompetizzjoni. Is-Summit għaraf li dan il-pass jagħti lok għall-

investimenti ġodda, b'appoġġ lejn in-negozji żgħar u medji biex jieħdu vantaġġ għall-opportunitajiet li se jinħolqu.

Malta kienet waħda mill-ewwel pajjiżi li, f'Awissu 2014, lestiet il-proċess ta' ratifikazzjoni ta' dan il-ftehim u, f'dan is-Summit, appellajna lill-istati li għadhom m'għamlux dan il-pass biex jagħmluh fil-futur qrib. Waqt il-preżentazzjoni tal-kredenzjali tal-Ambaxattur ġdid Malti fi Kiev, il-President Poroschenko identifika lil Malta bħala pajjiż li għalkemm jinsab tant bogħod, fil-veritá kien wieħed mill-ewwel pajjiżi li l-Parlament tiegħu rratifika dan it-trattat ta' assoċjazzjoni.

Mis-Summit tal-Eastern Partnership ta' sentejn ilu, ġie rreġistrat ukoll progress minn uħud mill-pajjiżi f'dak li għandu x'jaqsam mal-mobilità. Il-Moldova kkonkludiet il-pjan t'azzjoni għal-liberalizzazzjoni tal-visas u t-tneħħija tal-bżonn ta' visa għal żjara qasira ta' ċittadini mill-Moldova.

Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet ukoll b'evalwazzjoni pożittiva ħafna dwar il-progress tal-Ġorġja fil-mixja tagħha lejn il-pjan t'azzjoni għal-liberalizzazzjoni tal-visas u, minkejja ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jeżistu bħalissa fl-Ukrajna, il-Kummissjoni nnutat it-titjib li sar ukoll minn dan il-pajjiż lejn pjan simili favur il-mobilità. Fil-każ tal-Ukrajna, il-punt kruċjali huwa l-implimentazzjoni tal-qafas legali u istituzzjonali b'mod speċjali kontra l-korruzzjoni, il-kriminalita, it-traffikar tal-bnedmin u d-diskriminazzjoni.

It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet f'dawn il-pajjiżi tal-Lvant huwa essenzjali għal iktar progress fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Unjoni Ewropea u għalhekk huwa importanti li jkomplu jseħħu r-riformi interni li jassiguraw il-governanza ġusta f'dawn l-istituzzjonijiet biex jiffunzjonaw kif suppost.

Is-Summit laqa' l-passi li ttieħdu minn sentejn ilu 'l hawn fl-iżvilupp ta' ftehimiet bilaterali bejn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Lvant b'mod individwali. Fost oħrajn, dan is-Summit laqa' l-intenzjoni tal-Ażerbajġan li jippreżenta proposta għal sħubija strateġika mal-Unjoni Ewropea. Aħna nikkunsidraw dan il-pajjiż bħala sieħeb importanti għall-Unjoni Ewropea, l-aktar fil-qasam tal-enerġija, u nħarsu 'l quddiem lejn aktar rabtiet miż-żewġ naħat.

Dan is-Summit saħaq għal darba oħra fuq l-interess komuni li jkun hemm aktar interkonnessjonijiet sostenibbli u kompettittivi fil-qasam tal-enerġija. F'dan is-sens il-mexxejja esprimew l-intenzjoni tagħhom li jsaħħu l-koperazzjoni bilaterali u multilaterali f'dan is-settur. Ġie rikonoxxut il-progress li sar fuq l-infrastruttura maġġuri fosthom l-interkonnessjoni ta' gass mill-Ukrajna għall-Ungerija, il-Polonja u l-Islovakja, u r-rwol partikolari tal-Ażerbajġan fir-realizzazzjoni tas-*Southern Gas Corridor*.

Is-Summit ħeġġeġ għat-tkomplija ta' din il-koperazzjoni. Fi kliem il-konklużjonijiet: *The Summit participants also encourage and support the continuation of gas and electricity interconnections both inside the EU and between the EU and its Eastern European partners.*

Waqt li kienu qed iseħħu dawn l-iżviluppi pożittivi, ma nistgħux ninjoraw il-problemi li qed jiffaċjaw numru ta' pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa. Ir-reġjun għadu mifni b'kunflitti u sfidi dwar l-integrità territorjali tal-istati.

Sur President, Malta tibqa' favur l-indipendenza u s-sovranità tal-Ġorġja u l-Ukrajna fil-kuntest tal-fruntieri li huma rikonoxxuti internazzjonalment. Dan il-prinċipju huwa essenzjali għall-istabilità. Dak li rajna fil-Ġorġja, sa minn Awissu 2008, u fl-Ukrajna, sa minn kmieni fl-2014, huwa prova li l-instabilità twassal biss għal imwiet u tbatijiet għaċ-ċittadini.

Malta hija wkoll favur soluzzjoni għall-kunflitt fin-Nagorno-Karabach fil-linja tar-riżoluzzjonijiet tal-Ġnus Maqgħuda.

Dan is-Summit enfasizza l-intenzjoni li din il-politika ta' sħubija tinfirex aktar fis-soċjetà ċivili u fost il-pubbliku in ġenerali. Il-konklużjonijiet jgħidu ċar u tond li: *The Summit underlines the importance of the engagement of all society in turning this shared vision into reality.* Mhux nitkellmu biss dwar riformi fl-arja imma nisħqu fuq riformi li se jtejbu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kemm fil-pajjiżi tal-Lvant kif ukoll tal-Unjoni Ewropea.

Sur President, Malta mhijiex tradizzjonalment assoċjata mar-reġjun Ewropew tal-Lvant. Madankollu nemmnu li dan ir-reġjun huwa ta' importanza enormi għall-Unjoni Ewropea. U Malta, bħala pajjiż fiċ-ċentru tal-Mediterran, se taqdi r-rwol sintomatiku tagħha, ir-rwol attiv tagħha, favur il-paċi u l-progress f'din l-isħubija bejn l-Ewropa u l-pajjiżi tal-Lvant.

Ta' min isemmi li s-Summit tal-Eastern Partnership li jmiss se jsir waqt il-Presidenza Maltija fl-2017.

**EU-CELAC SUMMIT**

Bejn l-10 u l-11 ta' Ġunju tlaqqa' fi Brussels Summit bejn tmienja u għoxrin mexxej Ewropew u tlieta u tletin kap jew rappreżentant ta' pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Karibew.

Bħala pajjiż żgħir Ewropew, aħna għad m'għandniex preżenza f'dawn il-pajjiżi, kważi fl-ebda wieħed minnhom. Għalhekk din kienet ukoll okkażjoni fejn stajna nagħmlu kuntatt u nesploraw opportunitajiet biex nippenetraw swieq li huma 'l boqghod minna imma li huma kbar, u b'hekk jistgħu jkunu importanti għal pajjiżna.

Meta qed nitkellmu fuq il-pajjiżi CELAC, qed nitkellmu fuq swieq fost l-aktar emerġenti. Nemmen li f'dak ir-reġjun hemm potenzjal minn fejn Malta tista ġġib investiment minn kumpaniji li jħarsu lejn pajjiżna bħala pont importanti minn fejn jinvestu kemm għall-Ewropa kif ukoll għall-Afrika.

Qed ngħid dan fil-kuntest li l-Afrika għandha issa ftehim dwar kummerċ ħieles fejn bħala prinċipju jistgħu jgħaqqdu *free trade areas* li hemm fl-Afrika flimkien. Dan ifisser li jekk prodott jidħol f'pajjiż wieħed Afrikan, jista jkollu ċirkolazzjoni fil-kontinent kollu. F'dan ix-xenarju, huwa naturali li l-pożizzjoni strategika ta' Malta għandha relevanza importanti u pajjiżna jrid jaħdem biex jisfruttaha b'kull mod possibbli biex ikompli jitkattar l-investiment f'pajjiżna.

Fost il-pajjiżi CELAC, kien hemm ukoll tnax-il pajjiż tal-Commonwealth li ser ikunu f'pajjiżna għaċ-CHOGM f'Novembu li ġej. Għalhekk dan is-Summit serva biex inkomplu noħolqu rabtiet ma' dawn il-pajjiżi li ser nospitaw f'Malta minn hawn u ħames xhur oħra.

F'dan is-Summit, li hu t-tieni wieħed tax-xorta tiegħu li seħħ, il-mexxejja tal-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropeja qablu mal-pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Karibew biex ikun hemm

sħubija bilaterali bbażata fuq l-istorja, kultura, kuntatt uman, liġi internazzjonali, rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u interessi komuni. Intlaħaq qbil li l-koperazzjoni bejn iż-żewġ blokok ta' pajjiżi tista' tiġi intensifikata fil-kummerċ, l-investiment, l-edukazzjoni, is-sigurtà, ir-ricerka – l-iktar settur li ġie enfasizzat fil-verità bil-kuntatti bejn l-unversitajiet – u l-innovazzjoni

Ġie mġedded l-impenn lejn l-għanijiet li joħorġu mit-Trattatt tal-Ġnus Maqgħuda. Ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni sabiex ikun hemm sostenn lejn kull sforz favur drittijiet ugwali ta' sovranità tal-istati u biex tiġi rispettata l-integrità terrotorjali, l-indipendenza politika u biex kull tilwima tiġi solvuta b'mezzi paċifiċi b'rispett sħiħ lejn il-ġustizzja u l-liġi internazzjonali.

Il-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean Claude Juncker u l-President tal-Ekwador Rafael Correa – li huwa l-President *ad interim* tas-CELAC – għamlu diskussjoni fuq diversi aspetti. Tusk u Juncker enfasizzaw fuq modi li permezz tagħhom jista' jkun hemm koperazzjoni bejn l-Ewropa u l-pajjiżi CELAC, speċjalment b'relazzjonijiet kummerċjali, il-prospetti li jinkisbu riżultati pożittivi fil-COP21, il-konferenza tal-Ġnus Maqgħuda li ser isir f'Pariġi aktar tard din is-sena fuq it-tibdil tal-klima, il-ġlieda kontra d-droga – li sfortunatament hija waħda mill-industriji l-kbar fil-pajjiżi Latino-Amerikani – kif ukoll pjan għal wara l-2015.

Min-naħa tiegħu l-President tal-Ecuador qal li dan is-Summit qed isir f'punt fejn hemm ħafna aktar xi jsir biex jitnaqqas il-faqar u n-nuqqas ta' ugwaljanza. Nista' ngħid li kienet esperjenza interessanti li tara *punto di vista* xejn tradizzjonali fid-diskors li kien hemm minn uħud mill-mexxeja ta' numru ta' pajjiżi Latino-Amerikano bħan-Nikaragwa, Kuba, il-Venezwela, il-Bolivja u l-Ekwador stess li kienet pjuttost tendenzjalment differenti minn diskorsi li jsiru s-soltu f'laqgħat bħal dawn.

Il-President Tusk ikkonkluda s-sessjoni billi qal li hemm bżonn ta' aktar laqgħat ministerjali bejn l-Unjoni Ewropea u s-CELAC u ssuġerixxa li dawn isiru darba fis-sena.

F'dikjarazzjoni politika bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-pajjizi CELAC twassal impenn bejn iż-żewġ naħat sabiex tibqa' għaddejja l-ħidma favur aktar soċjetajiet inklussivi u sostenibbli għall-ġid tal-popli u tal-ġenerazzjonijiet futuri.